Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

1st July, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 146

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Mit-8.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025 sas-2.00 a.m., tal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025, u mit-8.00 a.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025 sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 19 ta' Lulju, 2025, minn Vjal il-Labour minn Dawret Ħal Għaxaq sal-mużew tal-bniet, Triq il-Barbazzal, Pjazza Santa Marija u Misraħ San Ġużepp;

Minn nofsinhar tal-Ħamis, 7 ta' Awwissu, 2025 sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025, minn Pjazza Santa Marija minn Triq Santa Marija wara l-knisja, Triq Gio Maria Farrugia u Vjal il-Labour.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-1 ta' Lulju, 2025

POLICE NOTICE

No. 146

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

From 8.00 a.m. of Thursday, 17th July, 2025 to 2.00 a.m. of Friday, 18th July, 2025, and from 8.00 a.m. of Friday, 18th July, 2025 to 2.00 a.m. of Saturday, 19th July, 2025, through Vjal il-Labour from Dawret Ħal Għaxaq to the girls' religious musuem, Triq il-Barbazzal, Pjazza Santa Marija and Misraħ San Ġużepp;

From noon of Thursday, 7th August, 2025 to 1.00 a.m. of Friday, 8th August, 2025, through Pjazza Santa Marija from Triq Santa Marija behind the church, Triq Gio Maria Farrugia and Vjal il-Labour.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

1st July, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 101 tal-2025

Wirja tan-Nar – Madonna tal-Karmnu – Festa tal-Gżira – 2025

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-Baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar mix-xatt f'Tas-Sliema Creek, iċċentrati fil-punti A u B, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.316	014° 30'.257
B	35° 54'.266	014° 29'.860

Il-logħob tan-nar tal-ajru se jsir minn Manoel Island, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Minn punt A nhar is-Sibt, 12 ta' Lulju, 2025, mid-9.00 a.m sad-9.20 a.m., minn nofsinhar sal-12.20 p.m., mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m. u mid-9.30 p.m. sa nofsillejl; u nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2025, mid-9.00 a.m. sad-9.20 a.m., minn nofsinhar sal-12.20 p.m. u mit-7.15 p.m. sal-10.30 p.m.

Logħob tan-nar żgħir se jinħaraq ukoll minn punt B (ħdejn il-pont), kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), fid-dati u l-ħin li ġejjin:

Minn punt B (ħdejn il-pont) nhar it-Tnejn, 7 ta' Lulju 2025, mis-7.00 p.m. sas-7.30 p.m.; u nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 2025, mill-10.00 p.m. sa 11.00 p.m.

Se jkun hemm ukoll logħob tan-nar tal-art minn punt B (ħdejn il-pont) nhar is-Sibt, 12 ta' Lulju, 2025, mill-11.30 p.m., sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2025.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati li n-navigazzjoni sa 200 metru minn punt A msemmi hawn fuq f'Tas-Sliema Creek se tkun ipprojbita waqt il-ħin tal-wirjiet tal-logħob tan-nar minn punt A.

L-inġenji kollha rmiġġati sa 200m minn punti A u 100m minn punti B (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq tal-wirjiet tal-logħob tan-nar.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tal-logħob tan-nar lil kwalunkwe bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dak il-bastiment u t-tagħmir anċillari tieghu jitħallew fiż-żona indikata, jew barra dik iż-żona.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 101 of 2025

Fireworks Display – Our Lady of Mount Carmel – Gżira Feast – 2025

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that firework displays will be let off from the foreshore in Sliema Creek, centred in points A and B, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.316	014° 30'.257
B	35° 54'.266	014° 29'.860

The aerial fireworks display will take place from Manoel Island, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the following dates and times:

From point A on Saturday, 12th July, 2025, from 9.00 a.m. to 9.20 a.m., from noon to 12.20 p.m., from 6.00 p.m. to 7.00 p.m. and from 9.30 p.m. to midnight; and on Sunday, 13th July, 2025, from 9.00 p.m. to 9.20 p.m., from noon to 12.20 p.m. and from 7.15 p.m. to 10.30 p.m.

Small fireworks will also be let off from point B (near the bridge), as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the following date and time:

From point B (near the bridge) on Monday, 7th July, 2025 from 7.00 p.m. to 7.30 p.m.; on Friday, 11th July, 2025 from 10.00 p.m. to 11.00 p.m.

There will also be a ground firework display from point B (near the bridge) on Saturday, 12th July, 2025, from 11.30 p.m., to 1.00 a.m. of Sunday, 13th July, 2025.

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from the above-mentioned point A in Sliema Creek will be prohibited during the time of the fireworks displays from point A.

All craft moored within 200m from points A and 100m from point B as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the indicated area, or outside such area.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-1 ta' Lulju, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 102 tal-2025

Pembroke Athleta Athletics u Triathlon open water swimming event – Il-Ponta tal-Qawra

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li Pembroke Athleta Athletics u Triathlon se jorganizzaw avveniment tal-għawm bħala parti minn triathlon fil-Ponta tal-Qawra.

L-għawm se jsir tul ir-rotta A, B u C kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 57'.338	014° 25'.488
B	35° 57'.504	014° 25'.718
C	35° 57'.400	014° 25'.718

Nhar is-Sibt, 12 ta' Lulju 2025, bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 a.m.

Rescue RHIB u numru ta' canoes se jkunu qed jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara kollha huma gwidati biex iżommu 'l bogħod miż-żona u, taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandhom jgħaddu mir-rotta A, B u C. Għal bastimenti li l-irmiġġ tagħhom jinsab f'din iż-żona, għandhom jikkomunikaw mar-rescue RHIB qabel ma jidħlu jew joħorġu miż-żona u jistennew li jiġu skortati kif meħtieġ.

Fid-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211 u 2537

L-1 ta' Lulju, 2025

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

1st July, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 102 of 2025

Pembroke Athleta Athletics and Triathlon open water swimming event – Il-Ponta tal-Qawra

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Pembroke Athleta Athletics and Triathlon will be organising the swimming event as part of a triathlon in Qawra.

The swims will be held along the course A, B and C as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 57'.338	014° 25'.488
B	35° 57'.504	014° 25'.718
C	35° 57'.400	014° 25'.718

On Saturday, 12th July, 2025, between 7.00 a.m. and 10.00 a.m.

A rescue RHIB and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through the course A, B and C. For vessels whose moorings are within this area, they are to communicate with the rescue RHIB prior to entering or leaving the area and wait to be escorted accordingly.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 211 and 2537

1st July, 2025

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tfittex biex timpjega fuq bażi full-time:

Principal OHS Officer (Electrical Engineering)
Il-Permess ta' Jobsplus: 219/2025

Principal OHS Officer (Mechanical Engineering)
Il-Permess ta' Jobsplus: 220/2025

Dawn is-sejħiet se jibqgħu miftuħa b'mod indefinit.

Senior Manager (Legal)
Il-Permess ta' Jobsplus: 629/2025

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2025.

Aktar dettalji inkluż dmirijiet u responsabbiltajiet, termini ta' ingaġġ, rekwiżiti ta' kwalika u kif tista' tapplika, jistgħu jitniżżlu mit-taqsima tar-reklutaġġ fis-sit elettroniku tal-Awtorità (https://ohsa.mt/careers).

L-1 ta' Lulju, 2025

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

The Occupational Health and Safety Authority is seeking to recruit individuals for the full-time posts of:

Principal OHS Officer (Electrical Engineering)
Jobsplus Permit: 219/2025

Principal OHS Officer (Mechanical Engineering)
Jobsplus Permit: 220/2025

The above Calls will remain open indefinitely.

Senior Manager (Legal)
Jobsplus Permit: 629/2025

Closing Date for applications for this call: Tuesday, 22nd July, 2025.

Details for all vacancies, including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application can be downloaded from the Careers section on OHSA's Website (https://ohsa.mt/careers).

1st July, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), tavża lir-raħħala eliġibbli li qed testendi d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet taħt l-Iskema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal. Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet se jibqgħu jiġu aċċettati sad-data tal-għeluq il-ġdida, jiġifieri sal-Ġimgħa, 11 ta' Lulju, 2025. Applikazzjonijiet sottomessi wara din id-data ma jiġux aċċettati.

L-ARPA tfakkar lill-benefiċjarji kuntrattati li huma mitlubin jimlew l-applikazzjoni għas-sena 2025, li ntbagħtitilhom bil-posta, u jirritornawha lill-ARPA permezz tas-self-addressed envelope li qiegħed jiġi pprovdut mal-istess applikazzjoni.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

Iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)
Iċempel il-Front Office tal-Aġenzija bin-numru 2292 6148
Jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

L-1 ta' Lulju, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, AND ANIMAL RIGHTS

National Pig Welfare Scheme

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights (MAFA), informs eligible livestock breeders that it is extending the deadline for the submission of applications under the National Pig Welfare Scheme. In this regard, applications will continue to be accepted until the new deadline date, that is, until Friday, 11th July, 2025. Applications submitted after this date will not be accepted.

ARPA reminds contracted beneficiaries that they are required to fill in the application for the year 2025, which has been sent to them by post, and return it to ARPA using the enclosed self-addressed envelope.

For more information one may:

Visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt)
Call the Front Office on 2292 6148
Send an email to (arpa.mafa@gov.mt)

1st July, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Perjodu tat-Talba għall-Bdiewa u r-Raħħala taħt il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni 2023-2027: Reġistrazzjoni ġdida ta' Art Agrikola u Applikazzjonijiet għall-Għajnuna

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), qiegħda tilqa' talbiet mingħand dawk il-bdiewa li jixtiequ jagħmlu:

Trasferimenti u reġistrazzjonijiet tal-art li għandhom jiġu inklużi għall-għajnuna;

Tibdil fl-użu tal-art fuq art li ma kinitx eliġibbli u li issa se tinqaleb eliġibbli biex tiġi impenjata għall-għajnuna finanzjarja;

Reġistrazzjoni tal-għelieqi tagħhom għal Eko-Skemi;

Reġistrazzjoni tal-għelieqi tagħhom għal Impenji ta' Ġestjoni Ambjentali u Klimatiċi (AECCs) taħt il-PAK 2023-2027

Talbiet għal impenji ġodda qed jiġu aċċettati biss taħt AECC 7a u 7b

Talbiet għal impenji ġodda taħt l-AECC1a, 1b, 1c, 2, 3, 4, 5, u 6 mhux se jiġu aċċettati.

Għal tali talbiet, il-bdiewa għandhom jippreżentaw id-dokumenti li ġejjin:

Karta tal-identità;
Pjanti tas-sit tal-għelieqi;
F'każ li l-persuna li qed tagħmel it-talba qed tirrappreżenta lil ħaddieħor, għandha tiġi ppreżentata prokura mingħand nutar flimkien mal-karta tal-identità tar-rappreżentant;
Testment (f'każ ta' trasferiment b'wirt).

It-talbiet se jintlaqgħu bejn l-14 ta' Lulju, 2025 u s-26 ta' Settembru, 2025, f'wieħed minn dawn l-uffiċċji:

Il-Front Office tal-ARPA: Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, Limiti ta' Ħ'Attard, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.00 a.m. u l-11.30 a.m.; jew

L-Uffiċċju ta' Għawdex: Razzett Espermentali tal-Gvern, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.00 a.m. u n-12.30 p.m.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

Iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)
Iċempel bin-numru 22926148
Jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

L-1 ta' Lulju, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS (MAFA)

Request Period for Land Farmers and Livestock Breeders under Malta's Common Agricultural Policy Strategic Plan 2023-2027: Registration of new Agricultural Land and Aid Applications

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights (MAFA), is accepting applications from those farmers who wish to carry out:

Transfers and land registration for inclusion into land-based aid schemes;

Changes in land use of those areas currently not eligible for funds to now be included as eligible;

Land registration for Eco-Schemes;

Land registration for Environmental, Climate-related and other Management Commitments (AECCs) under the CAP Strategic Plan 2023-2027

Requests for new commitments will only be accepted under AECC 7a, and 7b.

Requests for new commitments under AECC1a, 1b, 1c, 2, 3, 4, 5, and 6 will not be accepted.

For such requests, farmers must present the following documents:

ID card;
Site plans of fields;
In case the person making the request is doing so on behalf of a third party, a power of attorney document provided by a notary is required, along with the ID of the the representative;
Will (in case of transfer by inheritance).

Requests will be received from the 14th July, 2025 till the 26th September, 2025, in the following offices:

Front Office ARPA: Pitkali Markets, Ta' Qali, Limits of Attard, from Monday to Friday between 7.00 a.m. and 11.30 a.m.; or

Gozo Front Office: Government Experimental Farm, Triq l-Imġarr, Xewkija, from Monday to Friday between 7.00 a.m. and 12.30 p.m.

For more information, one may:

Visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt)
Call on 22926148
Send an email to (arpa.mafa@gov.mt)

1st July, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-8 ta' Lulju, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 8th July, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 from 7.30 a.m. to noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/ Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Ford	Transit	Ikħal	JGV037	Il-Furjana
Volkswagen	Tiguan	Griż	P57 / CCI052	Is-Swieqi
Peugeot	306	Aħmar	BAT621	Ħal Kirkop
Mercedes	200	Isfar	DAV109	Il-Ħamrun
BMW	318	Griż	DCL296	Il-Gżira
Kia	Ceres	Ikħal	EAC935	Il-Mosta
Peugeot	307	Aħmar	FBU556	Buġibba
Volkswagen	Transporter	Isfar	FCL586	Ħal Għaxaq
Citroen	C3	Griż	KBG437	Birkirkara
Nissan	Qashqai	Griż	GBS802	Santa Venera
Honda	Accord	Griż	KBP695	Il-Furjana
Fiat	Punto	Oranġjo	ABP735	Il-Furjana
Citroen	C1	Aħmar	BBT828	Il-Belt Valletta

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

Permessi Temporanji ta' Tpoġġija ta' Posti

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għall-permessi temporanji ta' tpoġġija ta' posti għall-Isle of MTV li se ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025, se jintlaqgħu fl-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025.

Il-posti jammontaw għal sitta (6) u jinsabu fi Pjazza E. S. Tonna.

F'każ li jidħlu applikazzjonijiet f'daqqa, l-applikanti li jgħixu uffiċjalment fil-lokalità jingħataw preferenza u l-posti jiġu allokati b'polza pubblika li tinżamm dakinhar stess wara li jittieħdu l-applikazzjonijiet. (LS. 441.04, Skeda B, (5)).

Kull persuna trid tippreżenta l-karta tal-identità personali tagħha u l-permess joħroġ biss fuq dik il-persuna. Ħadd ma jista' jippreżenta iktar minn applikazzjoni waħda.

Il-permess joħrog dakinhar wara l-polza. F'każ li l-persuna ma tiġborx il-permess sa nofsinhar tal-Ħamis, 10 ta' Lulju, 2025, l-applikazzjoni tiġi meqjusa bħala abbandunata.

L-1 ta' Lulju, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025.

Avviż Nru 19. Bejgħ tale quale tal-Fond f'Nru 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' u bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2023_0089_A. Is-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'A' jikkonsisti mil-livell zero (0) u l-livelli sotterranji biss u s-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'B' jikkonsisti fil-livelli kollha. Din il-proprjetà tinsab fi stat dilapidat u bi bżonn immedjat ta' manutenzjoni. Min jirbaħ l-offerta għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha relatati mat-tiswijiet meħtieġa fuq din il-proprjetà. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,572 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u mitejn ewro (€157,200) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 20. Bejgħ tale quale tal-Fond Nru 71, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Temporary Permits of Placing of Stalls

The Floriana Local Council notifies that applications for temporary permits of placing of stalls for the Isle of MTV to be held on Tuesday, 15th July, 2025 will be received on Tuesday, 8th July, 2025 at 10.00 a.m.

Stall spaces available amount to six (6) and are located in Pjazza E.S. Tonna.

If applications are received simultaneously, the applicants who reside officially in the locality shall be given preference and stalls will be allocated by ballot, being held on the same day after the receipt of applications. (SL 441.04, Schedule B(5)).

Applicants are required to provide their identity card at the application stage, and permit will be issued on that applicant. Only one application per person is allowed.

The permit will be issued on the same day after the ballot. Should the permit not be collected by noon of Thursday, 10th July, 2025, the application will be considered as abandoned.

1st July, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 3rd July, 2025.

Advt No. 19. Sale tale quale of the premises at No. 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, as shown edged in red and marked letter 'A' and letter 'B' on the plan P.D.2023_0089_A. The site marked in red with letter 'A consists of level zero (0) and the subterranean only, and the site marked in red with letter 'B' consists of all levels. This property is in a dilapidated state and in need of immediate maintenance. All expenses required to restore this property are to be borne by the winning bidder. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,572 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and fifty-seven thousand and two hundred euro (€157,200) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 20. Sale tale quale of the Premises at No. 71, Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on

P.D.2018_0468_B. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,360 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u tletin elf u disa' mija u ħamsa u tmenin ewro (€135,985) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 21. Bejgħ tale quale tal-Fond Nru 73, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_0361. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,789 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmienja u sebgħin elf u disa' mija u erbatax-il ewro (€178,914) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 22. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq Anġlu Mangion, Ħal Tarxien, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0417. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €43,716 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbatax-il elf u ħames mija u tnejn u sebgħin ewro (€14.572) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviż li ġej għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025.

Avviż Nru. 23. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsin (50) sena ta' boathouse bl-arja mhux inkluża tale quale f'Nru 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. Dan il-fond irid jintuża għal boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €24,498 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef u mija u sitta u sittin ewro (€8,166) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

plan P.D.2018_0468_B. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,360 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirty-five thousand and nine hundred and eighty-five euro (€135,985) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 21. Sale tale quale of the Premises at No. 73 Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on plan P.D.2023_0361. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,789 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and seventy-eight thousand and nine hundred and forteen euro (€178,914) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 22. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of Site tale quale at Triq Anglu Mangion, Ħal Tarxien, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0417. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €43,716 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand and five hundred and seventy-two euro (€14,572) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisement have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th July, 2025.

Advt No. 23. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of a boathouse without its own airspace tale quale at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. This premises is to be used for boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €24,498 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand and one hundred and sixty-six euro (€8,166) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

L-1 ta' Lulju, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Espressjoni ta' Interess

Qed issir sejħa għal partijiet interessati biex jipparteċipaw f'avveniment li se jittella' fil-Biċċerija Pubblika fl-okkażjoni ta' Jum iz-Zalzett Malti 2025. L-avveniment se jittella' nhar il-25 ta' Lulju, 2025, mis-7.30 'il quddiem. Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Biċċerija Pubblika (https://biccerija.gov.mt/).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 1, anness 2 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (info.abattoirmalta.mafa@gov.mt), jew bl-idejn fir-Reception tal-Biċċerija Pubblika, fi Triq il-Biċċerija, Albert Town, Il-Marsa.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija t-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025, fl-10.00 a.m. (CET/CEST).

L-1 ta' Lulju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025.

ERU2506U25 – Medicinal
ERU2506U25A – Medicinal
ERU2506U25B – Medicinal
ERU2506U25C – Medicinal
ERU2506U25D – Medicinal
ERU2506U25E – Medicinal
ERU2506U25F – Devices
ERU2506U25G – Medicinal

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

1st July, 2025

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Expression of Interest

A call is being issued for interested parties to participate in an event to be held at the Public Abattoir on the occasion of Maltese Sausage Day 2025, which will be held on the 25th July, 2025, from 7.30 p.m. onwards. Full details together with the application form can be downloaded from the Public Abattoir's website (https://biccerija.gov.mt/).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 1, annex 2 and requested documents), either via email at the address (info.abattoirmalta.mafa@gov.mt), or by hand at the Public Abattoir Reception, at Triq il-Biċċerija, Albert Town, Marsa.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Monday, 7th July, 2025, at 10.00 a.m. (CET/CEST).

1st July, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 2nd July, 2025.

ERU2506U25 – Medicinal
ERU2506U25A – Medicinal
ERU2506U25B – Medicinal
ERU2506U25C – Medicinal
ERU2506U25D – Medicinal
ERU2506U25E – Medicinal
ERU2506U25F – Devices
ERU2506U25G – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-1 ta' Lulju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025.

ERU2706U25 – Medicinal
ERU2706U25A – Medicinal
ERU2706U25B – Medicinal
ERU2706U25C – Medicinal
ERU2706U25D – Medicinal
ERU2706U25E – Medicinal
ERU2706U25F – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-1 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Għargħur permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2025, għal:

Provvista u manutenzjoni ta' sinjali ta' traffiku u marki tat-toroq b'lifespan massimizzata filwaqt li jitnaqqsu l-impatti ambjentali assoċjati fil-Kunsill Lokali Ħal Għargħur.

Id-dokumenti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

1st July, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 3rd July, 2025.

ERU2706U25 – Medicinal
ERU2706U25A – Medicinal
ERU2706U25B – Medicinal
ERU2706U25C – Medicinal
ERU2706U25D – Medicinal
ERU2706U25E – Medicinal
ERU2706U25F – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

1st July, 2025

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Ħal Għargħur Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Thursday, 31st July, 2025 for:

Provision and maintenance of traffic signs and road markings with maximised lifespan while minimising associated environmental impacts for the Ħal Għargħur Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Paola sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2025, għal:

Avviż Nru PLC 04/2025. Xogħlijiet – Rinnovar ta' ġnien pubbliku fejn jilgħabu t-tfal fi Triq Brittanja għall-Kunsill Lokali Paola.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-1 ta' Lulju, 2025

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

1st July, 2025

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Paola Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. of Thursday, 31st July, 2025, for:

Advt No. PLC 04/2025. Works – Upgrading of a public playing field in Triq Brittanja to the Paola Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Council reserves the right of refusing any offer, even the most advantageous.

1st July, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1659

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta' APS Bank Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C2192, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-utile dominium temporanju għall-perjodu rimanenti ta' mija u ħamsin (150) sena li beda jiddekkori fil-15 ta' Awwisu tas-sena elf tmien mija u tmienja u disgħin (15.8.1898) li tikkonsisti f'villa magħrufa bħala 'Villa tal-Virtu' jew 'Il-Palazz' bil-ġonna mdawrin magħha fil-lokalità tar-Rabat, Malta, flimkien mal-art annessa magħha, liema art għandha qies totali approssimattiv ta' sebat elef erba' mija u sebgħa u sittin metru kwadru (7,467 mk) suġġetta għaċ-ċens temporanju u annwali ta' sebgħa ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€7.77) pagabbli lill-Uffiċċju Konġunt kull ħmistax ta' Awwissu ta' kull sena, flimkien mad-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, inkluża l-arja sovrastanti tagħha u s-sottoswoll sottostanti u inkluż l-istrutturi mibnija fuqha, liema proprjetà għandha l-entratura prinċipali tagħha minn

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th June, 2025, on the application of APS Bank Limited C2192, Tuesday, 23rd September, 2025, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78 nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The temporary utile dominium for the remaining period of one hundred and fifty years (150) commenced on the 15th August of the year one thousand eight hundred and ninety eight (15.8.1898) consisting of a villa known as 'Villa tal-Virtu' or 'Il-Palazz' with the surrounded garden, in the locality of Rabat, Malta, together with the land annexed thereto, which land has an approximately measurements of seven thousand four hundred and sixty seven square meters (7,467 mk) subject to the temporary and annual groundrent of seven euro and seventy seven cents (€7.77) payable to the Joint Office every fifteenth of August of every year, together with all its rights and appurtenances, including its overlying airspace and the underyling subsoil and including the structures built on it, which property has its main entrance

Triq Tal-Virtù, ir-Rabat, Malta, stmata li tiswa miljun u tmien mitt elf ewro (€1,800,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' C & M Contractors Limited (C30803), Carmel Mangion (KI 110160M) u Carmen Mangion (KI 18462M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 60/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

from Triq Tal-Virtù, Rabat Malta valued at one million and eight hundred thousand euro (€1,800,000).

The said tenement is the property of C&M Contractors Limited (C30803), Carmel Mangion (ID 110160M) and Carmen Mangion (ID 18462M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 60/2016.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 26th June, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1660

B'digriet tad-19 ta' Mejju, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Project Tecknik limited (C48668) fit-23 ta' Settembru, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' ħames mija, sebgħa u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmi (€557.23) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1295/2024 fl-ismijiet:

Project Technik Limited (C48668) vs SDP Projects Limited (C98939)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimata bi żmien jumejn (2) għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 19th May, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5s) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Project Technik Limited (C 48668) on the 23rd September, 2024, is asking for the withdrawal of the amount of five hundred and fifty-seven euro and twenty-three cents (€557.23) deposited by the Schedule of Deposit number 1295/2024 in the names of:

Project Technik Limited (C48668) vs SDP Projects Limited (C98939)

The Court ordered the notification to the respondent with two (2) days to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Monday, the 23rd June, 2025

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1661

B'digriet tad-16 ta' Ġunju, 2025, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) fl-20 ta' Diċembru, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' sitt mija u ħamsa u erbgħin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€645.27) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 2644/2024 fl-ismijiet:

By a decree of the 16th June, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Vodafone Malta Limited today Epic Communications Limited (C10865) on the 20th December, 2024, is asking for the withdrawal of the amount of six hundred forty-five euro and twenty-seven cents (€645.27) deposited by the Schedule of Deposit number 2644/2024 in the names of:

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) vs Doris Mary Mesiano Micallef (KI 499274M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimata bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Vodafone Malta Limited today Epic Communications Limited (C10865) vs Doris Mary Mesiano Micallef (ID 499274M)

The Court ordered the notification to the respondent within one week to file a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Monday, the 23rd June, 2025

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1662

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors generali numru 481/2024AGV ta' Gracien Debono, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Claire Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' Gracien Debono (KI 7773M) fl-atti tar-rikors generali numru 481/2024AGV ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrenti Gracien Debono talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna lill-MCAST Institute jgħarraf lill-esponenti jekk uliedu [omissis] għadhomx għaddejjin bl-istudji tagħhom fuq bażi full-time;

2. Tordna lill-MCAST Institute jgħarraf lill-esponenti bid-data tat-tmiem tal-korsijiet relattivi ta' wliedu [omissis];

3. Tordna lill-MCAST Institute jgħaddi l-informazzjoni mitlub mill-esponenti dwar uliedu [omissis] anke meta din tintalab minnu fil-futur qrib, mingħajr il-ħtieġa li l-esponenti jintavola rikors ieħor quddiem din l-Onorabbli Qorti bħall-preżenti.

Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jkun jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Notifika: Claire's Crt, Flt 3, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Antonio G. Vella, LLD

Rikors Ġenerali numru 481/2024AGV

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

By means of a decree of the 20th January, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the General Application of Gracien Debono, General Application Number 481/2024AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Claire Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the General Application number 481/2024AGV5 of Gracien Debono, filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th September, 2024, the applicant Gracien Debono (ID 7773M) requested this Honourable Court to:

1. Order the MCAST Institute to inform the applicant whether his children [omissis] are still pursuing their studies on a full-time basis;

2. Order the MCAST Institute to inform the applicant of the date of termination of the relative courses of his children [omissis];

3. Order the MCAST Institute to pass on the information requested by the applicant regarding his children [omissis] even when requested by him in the near future, without the necessity that the applicant files another application before this Honourable Court as the present.

Saving any provision that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Notification: Claire Vella, Claire's Crt, Flt 3, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk

Civil Court (Family Section) – the Honourable Mr Justice Antonio G. Vella, LLD

General Application number 481/2024AGV

The Court,

Having seen the application,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 7 ta' Ottubru, 2024

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 26 ta' Ġunju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Orders the notification to the couterparty with five (5) days within which to submit a reply.

Today 7th October, 2024

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 26th June, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1663

ARB/C083/2025 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

